# Beati u Qaddisin...Novembru

## San Gwann Berchmans  Seminarista Gizwita 26 ta' Novembru

Twieled fis-sena 1559 gewwa Diest, belt fin-naha ta' fuq tal-Belgium hdejn Brussel u Louvain. Kien l-akbar fost il-hames hutu. Missieru kien skarpan u cittadin prominenti gewwa Diest. Tnejn mit-tlett hutu saru sacerdoti u missieru wara l-mewt ta' omm Giovanni, meta kien ghad kellu hdax-il sena lahaq kanonku ta' Santu Suplizju.



Giovanni kien tifel intelligenti hafna u kien juri hniena ma dawk inqas ixxutjati fil-hajja. Meta missieru ra li ibnu kellu hajra ghal sacerdot, kompla ikkultivahielu billi fdah f'idejn sacerdot li kien jmexxi liz-zaghzagh ghat-trieq tas-sacerdozju.

Minhabba li l-qaghda finanzjarja tal-familja tieghu marret ghal ghar, Giovanni kellu jitlaq minn taht il-protezzjoni ta' dan il-kanoku fuq talba ta' missieru u mhajjar biex jaqbad sengha.  Talab lil missieru biex ihallih ikompli. Zijietu li kienu sorijiet malajr sabu soluzzjoni ghal din il-problema ghaliex il-kappillan taghhom ha lil Giovanni taht it-tmexxija tieghu u zammu ghandu.  Fl-iskola dejjem kien minn ta' quddiem minkejja li kien ikollu jaghmel sforz qawwi hafna biex ilahhaq ma' shabu, ilkoll ta' talent gholi u

li x'uhud minnhom kien ikollhom sena ta' studju qablu. Mohhu kien dejjem biex jaghraf liema kienet l-aktar haga perfetta.

Kompla studja gewwa Malines mhux wisq boghod minn Diest taht it-tmexxja ta' sacerdot iehor li fdalu r-responsabilta' ta' tlett it-tfal ta' familja nobbli. Is-servizz tieghu tah bil-ghaqal kollu u il-familja kellha tifhir kbir ghall-mod kif qeda dmiru. F'dik il-belt huwa iltaqa' ma' Gizwiti u thajjar biex jidhol fil-ghaqda taghhom ghalkemm missieru u l-familja tieghu opponewlu ghal xi zmien. Dahal fin-novizzjat tal-Gizwiti gewwa Malines flimkien ma' sebghin novizz iehor. Bhala novizz huwa kien jghallem il-katekizmu lit-tfal ta' l-inhawi ta' Malines. Tant kien jghallem b'mod haj li l-poplu kien jippreferi it-taghlim tieghu mill-priedki ordinarji. Ghat-tfal, Giovanni kien l-idolu taghhom, tant li fi grupp kienu jakkumpanjawh meta huwa jirritorna lejn in-novizzjat, fejn wara kien iqassam is-santi, midalji u kuruni tar-Ruzarju. Qabel mar Ruma biex jidhol fi studju aktar profond tal-filosofija, is-superjuri baghtuh ghal xi zmien f'daru. Fl-istazzjon ta' Malines fejn huwa kien qed jistenna lil missieru biex jilqghu, ha l-ahbar li dan kien miet gimgha qabel. Wara li ghamel xi preparamenti ghal-hutu izghar minnu hu telaq bil-mixi lejn Ruma ma novizz iehor. Fi zmien tlett snin ohra huwa kellu jhalli din id-dinja ta' dmugh, izda kien f'dan il-periodu li kiber fil-qdusija. Kien devot ta' Marija Omm Gesu', li fiha kien jara intercessjoni kbira. Fis-sajf tas-sena 1621 huwa intlaqghat minn marda li ma hallietlux sahha u baqa' sejjer lura sa ma miet f'Awissu ta' l-istess sena.

Kien ikkanonizat fis-sena 1888 mill-Papa Ljun XIII.